MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1019/2006

PULIZIJA
SPETTUR IAN J ABDILLA
VS
ALFRED GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Galea, ta’ 65 sena, bin il-mejjet Karmnu u l-mejta Gejtana nee’ Vella, imwieled il-Mellieha fl-24 ta’ Jannar 1941 u residenti f’Numru 54, Marfred, Adelaide Cini Street, Hamrun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 170641(M); u akkuzat talli f’Gunju 2006, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:
(1) irrenda ruhu komplici ma’ Patrick Spiteri fir-reat ta’ korruzzjoni, billi kkorrompa lill-istess Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Ezekuttiva fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 115 u 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) u aktar talli fl-istess zmien, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra, u cioe' lil Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Ezekuttiva, li asserixxiet jew ikkonfermat li huwa jew hija kienu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-Pulizija, sabiex igieghel li dawn l-uufficjali tal-Pulizija jezercitaw dik l-influwenza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b'hekk Alfred Galea, kiser il-provvediment ta' sentenza sospiza meta ghamel reat iehor fil-perjodu operattiv ta' l-istess sentenza sospiza, datata 18 t'April 2006 mill-Magistrat J Apap Bologna.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-imputat (a fol 12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 10).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u wara li rat a-Artikoli 115, 120 u 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' snin, filwaqt li tordna li s-sentenza sospiza datata 18 ta' April 2006 moghtija mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna tigi estiza' ghal erba' snin.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' avvanzata tal-imputat, il-valur minimu (LM25) ta' tixhim, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat li ghen l-investigazzjoni ulterjuri tal-pulizija.

Il-Qorti spjegat l-import tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------